CCT/48/22/S

Emmanuel Cordina

Vs

George Gatt

Illum 18 ta' Diċembru,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ippreżentata minn Emmanuel Cordina fl-24 ta' Marzu, 2022 u r-risposta tal-intimat George Gatt ippreżentata fit-22 ta' Lulju 2022.

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' l-partijiet u x-xhieda kif ukoll it-trattazzjoni tagħhom li saret fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2022.

Ikkunsidra,

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda vettura mixtrija *second hand* li wara ċertu żmien, ir-rikorrenti allega li dan it-trakk żviluppa ħsarat li ma kienx jaf bihom. Min-naħa tiegħu l-intimat ikkonferma illi l-istess rikorrenti kellu kull ċans li jieħu il-vettura għand persuna esperta tal-fiduċja tiegħu, ħaġa li ma għamilx, u fil-kuntratt ta' bejgħ hemm kundizzjoni numru 3 u cioe' "*Il-vettur qed tinbiegħ mingħajr garanzija u x-xerrej jiddikjara li huwa tiġa prova il-vettura*".

Illi fil-każ ta' xiri ta' vetturi *second-hand*, hija responsabbilta' ta' min jixtri li jieħu persuni kompetenti biex jeżaminaw kull aspett tal-vettura.

Illi mix-xhieda stess tar-rikorrenti jidher li dan ma sarx għalkemm kien ipprova l-istess vettura.

Illi fil-każ dwar vettura *second hand* hemm interpretazzjoni wiegħsa fil-kwalita' kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Attard vs Mifsud" mgħotija fid-9 ta' Lulju 1991.

Illi issir ukoll riferenza għad-deċiżjoni mgħotija fit-8 ta'Ottubru 2004 mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Robert Lia vs Burmarrad Commercials Ltd et" fejn jiġi spjegat id-differenza u l-ingredjenti biex tirnexxi azzjoni *ex contractu* u l-azzjoni redibitorja.

Illi id-deċiżjoni unilaterali daparti tar-rikorrenti illi ma jiħux persuna tal-fiduċja tiegħu u kompetenti biex teżamina il-vettura twassal biex l-istess rikorrenti ma jkunx ġustifikat billi jqajjem eċċezzjoni illi l-istess vettura *second hand* kellha xi ħsarat.

Illi l-istess rikorrenti kien għażel li jmur darba bil-vettura u kellu iċ-ċans kollu fejn jaħsiba u fil-fatt għadda ċertu żmien minn meta l-ewwel darba kien ra l-istess vettura għal meta iddeċieda li jixtriha.

Illi min-naħa l-oħra, r-rikorrenti ma jistax jinvoka l-eċċezzjoni tad-difett moħbi jekk xtara oġġett f'dan il-każ vettura *second hand* meta l-istess difett li huwa jilmenta minnu hu riżultat dirett tal-użu li sar mill-istess vettura, prova li effettivament ma saritx u ma tirrizultax mill-atti.

Illi jerġa' jingħad illi r-rikorrenti seta' faċilment jieħu l-vettura għand persuna kwalifikata biex jeżamina u konsegwentement jagħti parir dwar ix-xiri jew le tal-istess, filwaqt li r-rikorrenti iddeċida li jiffirma kuntratt *ossia* ftehim data 16 ta' Diċembru 2021 fejn klawżola numru 3 titkellem b'mod inekwivoku illi il-vettura qed tinbiegħ mingħajr garanzija u li l-istess rikorrenti kien diġa ipprova l-istess vettura.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Emmanuel Cordina filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet ta' George Gatt. B'kull parti tħallas l-ispejjeż relattivi għal dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru